



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.6.2015
COM(2015) 305 final

ANNEX 1

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċizzjoni tal-Kunsill

dwar ir-ratifika u l-adeżjoni mill-Istati Membri f'isem l-Unjoni mal-Protokoll tal-2010 għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Responsabbiltà u l-Kumpens għall-Ħsara b'Konnessjoni mat-Trasportazzjoni bil-Baħar ta' Sustanzi Perikolużi u ta' Ħsara fir-rigward tal-aspetti marbutin mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili

ANNEX

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar ir-ratifika u l-adeżjoni mill-Istati Membri f'isem l-Unjoni mal-Protokoll tal-2010 għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Responsabbiltà u l-Kumpens għall-Ħsara b'Konnessjoni mat-Trasportazzjoni bil-Baħar ta' Sustanzi Perikolużi u ta' Ħsara fir-rigward tal-aspetti marbutin mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili

Id-dikjarazzjoni li l-Istati Membri għandhom iressqu meta jirratifikaw jew jaderixxu mal-Protokoll tal-2010, fit-tifsira tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill:

"Is-sentenzi dwar kwistjonijiet koperti mill-Konvenzjoni kif emendata bil-Protokoll tal-2010, meta jinħarġu minn qorti ta' [...¹.], għandhom jiġu rikonoxxuti u infurzati fi [...².] skont ir-regoli rilevanti tal-Unjoni Ewropea dwar is-sugġett³.

Is-sentenzi dwar kwistjonijiet koperti mill-Konvenzjoni kif emendata bil-Protokoll tal-2010, meta jinħarġu minn qorti tar-Renju tad-Danimarka, għandhom jiġu rikonoxxuti u infurzati fi [...⁴.] skont il-Ftehim tal-2005 bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali⁵.

Is-sentenzi dwar kwistjonijiet koperti mill-Konvenzjoni kif emendata bil-Protokoll tal-2010, meta jinħarġu mill-qorti ta' Stat terz li ntrabat mal-Konvenzjoni ta' Lugano dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali tat-30 ta' Ottubru 2007⁶, għandhom ikunu rikonoxxuti u infurzati fi [...⁷.] skont dik l-istess Konvenzjoni."

¹ L-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni tal-Istat Membru li jagħmel din id-Dikjarazzjoni, u tad-Danimarka.

² L-Istat Membru li jagħmel id-Dikjarazzjoni.

³ Bħalissa, dawn ir-regoli huma stipulati fir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1.

⁴ L-Istat Membru li jagħmel id-Dikjarazzjoni.

⁵ ĠU L 299, 16.11.2005, p. 62.

⁶ ĠU L 339, 21.12.2007, p. 3.

⁷ L-Istat Membru li jagħmel id-Dikjarazzjoni.